# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| It-Tieni Sena | STORJA | Ħin: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ____________________

## TAQSIMA 1 - STUDJU DWAR L-ISTORJA

**1. Ikteb fil-kaxxi l-griżi liema minn dawn huma kopji ta' sors primarji jew kopji ta' sorsi sekondarji?**






| 1.1 Manuskritt medjevali | 1.2 Stampa ta' falkunier minn *Ġrajjet Malta* | 1.3 Bini Sikulu-Normann f'Malta | 1.4 Tapizzerija tas-seklu 11. |
|---|---|---|---|
| | | | |






| 1.5 Stampa tal-kittieb Malaterra minn *Ġrajjet Malta* | 1.6 Tpinġija ta' kappella Medjevali | 1.7 Mappa tal-Birgu u l-Isla fis-seklu 16. | 1.8 Tapizzerija (c.1066) ta' xwieni Normanni. |
|---|---|---|---|
| | | | |

(1 x 8 = 8marki)

## 2. Taħriġ dwar l-empatija fl-istorja.

2.1 Kif taħseb li laqgħu lill-Konti Ruġġieru l-ilsira meħlusin minnu f'Malta?

______________________________________________________________ (2)

2.2 Kif taħseb li kienu jġibu ruħhom il-Kruċjati meta jirbħu xi belt fl-Art Imqaddsa?

______________________________________________________________ (2)

**(Total għal Taqsima 1 = 12-il marka)**

## TAQSIMA 2 - STUDJU DWAR L-ISFOND ĠENERALI TA' L-ISTORJA

**3. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

3.1 In-Normanni kienu poplu li ħareġ mill-(*Barbari, Biżantini, Asja, Vikingi*).

3.2 In-Normanni fl-Italja ġġieldu kontra (*l-Biżantini, l-Lhud, t-Torok, r-Rumani*).

3.3 Il-Konti Ruġġieru I rebaħ il-gżejjer Maltin fl-(*1019, 1091, 1191, 1291*).

3.4 (*Ruġġieru I, Ruġġieru II, Federiku II, Fonzu V*) għaqqad il-gżejjer mas-Saltna ta' Sqallija fl-1127.

3.5 Bis-sistema fewdali l-aktar li kienu jbatu kienu (*l-ilsira, n-nobbli, l-bdiewa, s-suldati*).

3.6 Il-fewdi kienet (*l-art, l-arma, il-fortizza, it-titlu*) li s-sultan kien jagħti lin-nobbli biex jgħinuh imexxi s-saltna.

3.7 Barċellona kienet il-belt kapitali tas-Saltna ta' (*Spanja, Sqallija, Napli, Aragona*).

3.8 Ir-Rinaxximent beda fis-seklu 14 fi (*Spanja, Franza, l-Greċja, l-Italja*).

3.9 Marco Polo vvjaġġa lejn (*iċ-Ċina, l-Amerika, l-Afrika, l-Indja*).

3.10 Ferdinand Magellan (*skopra l-Amerika, skopra l-Awstralja, ivvinta l-boxxla, dar id-dinja bil-baħar*).

(1 x 10 = 10 marki)

**4. Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**



4.1 Is-sors juri l-wasla ta' ________________

______________ fl-Indji tal-Punent fl-1492. (2)

4.2 Minn liema pajjiż kien telaq dan l-esploratur

fil-vjaġġ tiegħu? ____________________ (2)

4.3 Matul dan il-vjaġġ hu kien qasam

l-Oċean ____________________________ (2)

4.4 Dan il-vjaġġ lejn l-Indji tal-Punent kien dam

madwar (*jumejn, ġimgħa, xahar, sena*). (2)

4.5 Semmi **żewġ** affarijiet li setgħu beżżgħu lill-baħrin matul vjaġġ bħal dan.

______________________________________________ (2)

______________________________________________ (2)

4.6 Semmi l-isem ta' esploratur ieħor li għamel xi skoperta kbira fis-seklu 15 jew 16.

______________________________________________ (2)

4.7 Esploraturi Portugiżi fis-seklu 15 irnexxielhom jagħmlu waħda minn dawn l-affarijiet:

*(i) jiskopru l-Awstralja*
*(ii) jiskopru l-Ġappun*
*(iii) iduru madwar l-Afrika bil-baħar.*
*(iv) jaqsmu d-deżert tas-Saħara fl-Afrika.* (2)

(Total = 16-il marka)

**(Total ta' Taqsima 2 = 26 marka)**

## TAQSIMA 3 - STUDJU DWAR IT-TMEXXIJA POLITIKA TA' MALTA MEDJEVALI

**5 Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**



**Malta taħt in-Normanni (1091-1194)**

Il-Konti Ruġġieru I ħalla lill-Qadi u lill-mexxejja Għarab imexxu l-gżejjer Maltin iżda għamel il-gżejjer tributarji, jiġifieri jħallsu t-taxxi lilu. Ibnu Ruġġieru II għaqqad il-gżejjer Maltin ma' Sqallija. Fi żmien Ruġġieru II kien hawn uffiċjali tal-gvern Normanni bħad-duwan, il-kaptan tal-port u l-kaptan tal-ħaqq. Kien f'dan iż-żmien li r-reliġjon Nisranija reġgħet bdiet dieħla fil-gżejjer permezz ta' Sqallin u Taljani li ġew jgħixu f'Malta u Għawdex. Bdew deħlin kunjomijiet Sqallin u Taljani. Insibu wkoll l-ewwel irħula b'ismijiet Rumanzi bħal Ħal Arrig, Ħal Ġwann u Ħal Luqa.

Però l-influwenza Għarbija baqgħet tinħass sew fl-ilsien Malti ta' dak iż-żmien, fl-għadd kbir ta' Misilmin li baqgħu jgħixu fil-gżejjer u fix-xejra Semitika fil-kunjomijiet, u fl-ismijiet ta' rħula, bajjiet, għoljiet u widien tal-gżejjer Maltin. Il-preżenza tal-Misilmin fil-gżejjer spiċċat fi żmien l-Imperatur Federiku II għall-ħabta ta' l-1249. Dan kien ordna li jitkeċċew il-Misilmin mis-Saltna wara rvell li kienu għamlu xi wħud mill-Misilmin ta' Sqallija. Magħhom kienu weħlu wkoll il-Misilmin tal-gżejjer Maltin.

5.1 F'liema seklu n-Normanni rebħu l-gżejjer Maltin? ______________________ (1)

5.2 Liema **żewġ** mexxejja Normanni jissemmew fis-silta?

______________________ ______________________ (2)

5.3 Liema mexxej Normann kien għamel il-gżejjer Maltin tributarji? ______________ (1)

5.4 Xi tfisser il-kelma 'tributarji'? ______________________________ (1)

5.5 Liema mexxej waqqaf Gvern Normann fil-gżejjer Maltin? ________________ (1)

5.6 Semmi **żewġ** uffiċjali tal-Gvern Normann.

______________ ______________ ______________ (3)

5.7 Kif reġgħet bdiet dieħla r-reliġjon Nisranija fil-gżejjer Maltin taħt in-Normanni?

__________________________________________________ (2)

5.8 F'hiex bdiet tidher l-aktar l-influwenza mill-Ewropa fil-gżejjer taħt in-Normanni?

__________________________________________________ (2)

5.9 Semmi **tliet** oqsma fejn l-influwenza Għarbija baqgħet tinħass fil-gżejjer Maltin taħt in-Normanni.

__________________________________________________ (3)

5.10 Għaliex dawk il-Misilmin li baqgħu jgħixu fil-gżejjer Maltin tkeċċew mill-imperatur Federiku II?

__________________________________________________ (2)

(Total =18-il marka)

## 6. Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.

6.1 L-istampi hawn taħt juru xi industriji u xogħlijiet Maltin fil-Medjuevu. Qabbel billi tikteb in-numru max-xogħol ta' dawn il-ħaddiema fil-vojt tal-kaxxi. (4)




| | | | |
|---|---|---|---|
| Bidwi | Bennej | Ħaddied | Furnar |

6.2 (i) Agħmel sing taħt il-prodott tal-biedja li kien iħalli qligħ kbir għall-bdiewa Maltin u Għawdxin f'dak iż-żmien: (*qamħ, qoton, silla, ful, basal*). (1)

(ii) X'kien isir minn dan il-prodott wara li kien jinġabar mill-bidwi?

____________________________________________ (2)

6.3 Semmi problema li spiss kienu jħabbtu wiċċhom magħha l-Maltin fl-għajxien tagħhom f'dak iż-żmien.

____________________________________________ (2)

(Total = 9 marki)

**(Total għal Taqsima 3 = 27 marka)**

## TAQSIMA 4 - STUDJU DWAR L-ORDNI TA' SAN ĠWANN U L-ASSEDJU L-KBIR

**7. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar l-Istorja tal-Kavallieri ta' San Ġwann.**

7.1 Qiegħed il-postijiet fejn kienu marru joqogħdu l-Kavallieri ta' San Ġwann wara xulxin fil-kaxxi l-vojta tat-tabella: *Malta - Rodi - Palestina - Ċipru* (4)

| Post | Snin |
|---|---|
| | 1118 sa 1291 |
| | 1291 sa 1309 |
| | 1309 sa 1522 |
| | 1530 sa 1798 |



7.2 Pinġi s-Salib tal-Kavallieri ta' San Ġwann u għid xi jfisser. (2+2)

______________________________

______________________________

______________________________

7.3 X'kienu jagħmlu l-imseħbin fl-Ordni ta' San Ġwann meta din twaqqfet fl-1118?

______________________________ (2)

7.4 Għaliex ftit snin wara, l-imseħbin fl-Ordni ta' San Ġwann saru wkoll kavallieri?

______________________________ (2)

7.5 Wara l-1291 il-Kavallieri bnew xwieni biex. . . (Agħżel it-tajba)

*(i)* *jagħmlu l-kummerċ fil-Mediterran.*
*(ii)* *jiskopru artijiet ġodda.*
*(iii)* *jibnu imperu fil-Mediterran.*
*(iv)* *jaħbtu għall-Misilmin fuq il-baħar.* (2)

7.6 Ladarba l-Kavallieri ta' San Ġwann bnew ix-xwieni huma saru wkoll:
(*terroristi, esploraturi, sibbien, missjunarji*) (1)

7.7 X'kien ġara lill-Kavallieri ta' San Ġwann qabel ġew Malta?

______________________________ (2)

7.8 Liema **tnejn** minn dawn għenu lill-Kavallieri jiksbu l-gżejjer Maltin?

*(i)* *l-Imperatur Karlu V*
*(ii)* *ir-re Franġisku I ta' Franza*
*(iii)* *Sulejman I tat-Turkija*
*(iv)* *Neriku VIII re ta' l-Ingilterra*
*(v)* *Il-Papa Klement VII*
*(vi)* *Il-Viċire ta' Sqallija* (2)

**(Total għal Taqsima 4 = 19-il marka)**

## TAQSIMA 5 - KITBA FIT-TUL

### 8. Ikteb paragrafu dwar TNEJN minn dawn it-temi.

8.1 Ir-Rinaxximent.

8.2 Is-Sistema Fewdali fil-Medjuevu.

8.3 L-Organizzazzjoni tad-Dejma fil-gżejjer Maltin.

8.4 Il-Kruċjati fl-Art Imqaddsa.

8.5 L-Assedju l-Kbir ta' l-1565.

(8 x 2 = 16-il marka)

**(Total għall-Taqsima 5 = 16-il marka)**